MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru. 587/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Clint Tonna, ta' 28 sena, bin Josephu Carmen nee` Attard, imwieled Pieta` nhar is-7 ta' Frar 198 u li joqghod No 30, Triq San Girgor Pieta`, detentur ta' karta ta' l-identita` bin-numru 97980M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Clint Tonna u cioe` talli fil-5 ta' Gunju, 2008 ghall-habta ta' xi 02:30Hrs gewwa l-Hamrun;

1. Volontajament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel

hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAU 283 t al-marka Honda Civic, fuq bieb ta' barra ta' fond sitwat fi Block T, Flat 5, Triq Eugenio Borg, Hamrun u fuq xi affarijiet ohra liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) jew €116.57 (mija u sittax il-Euro u hamsa u sebghin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500(Hames mitt Lira Maltin) jew €1164.69 (elf mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin centezmu) u dan ghad-dannu ta' l-istess sidien, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkawza feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Stefania Falzon u Donatella Falzon u dan bi ksur ta' artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Stefania Falzon u Donatella Falzon, weggaghhom, b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 252 (1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-fomm hedded lil Stefania Falzon b'delitt u cioe bi qtil u dan bi ksur ta' artikolu 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-4 ta' Lulju, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ili meta tigi biex tikkonsidra il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fatt illi l-imputat hallas id-danni kagjonati minnu lil parte leza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat  l-artikoli 325 (b), 221, 252(1) u (2) u 249 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta kondizzjonata.

Finalment b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 il-Qorti qed torbot lil hati li jzomm il-kwiet mal-istess Stefania Falzon u Donatella Falzon u li jzomm il-bonordni pubbliku ma kulhadd u dan taht garanzija personali ta’ hames mitt euro (€500) ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------